MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 528/2002

**Rikors numru 528/02DM**

**U.C.I.M. Co Ltd**

**Vs**

**Paul Mallia**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' tlett elef, mija u tmenin lira Maltin (Lm3,180), rappresentanti import ta' hmistax (15) il-kambjala, kollha ta' Lm212 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Lulju 2001 sa Settembru 2002 rispettivament u mhux imhallsa annessi mal-avviz bhala dokumenti bin-numri minn 1 sa 15 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sal-1 ta’ Settembru 2002 jammontaw ghal Lm161, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-kambjali originali esibiti mill-atturi.

Rat ukoll in-nota ta’ riduzzjoni tas-socjeta attrici permezz ta’ liema huma rriducew is-sorte ghas-somma ta’ Lm2911 (elfejn disa’ mija u hdax il-lira Maltin), bl-imghaxijiet mis-7 ta’ Settembru sas-sena 2002 u bl-ispejjez tal-kawza.

Rat in-nota ta’ ammissjoni pprezentata illum stess mill-konvenut.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u ghandha tigi kkonfermata.

Il-Qorti qieghdha ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif ridotta ta’ Lm2911 (elfejn disa’ mija u hdax il-lira Maltin) bl-imghaxijiet legali mis-7 ta’ Settembru 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

Sandra Farrugia
Dep Reg
Civ A

.